

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
 3) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

(¹) ĠU C 294, 7.9.2015, p. 86.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-12 ta' April 2016 – Beiner vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-135/15) (¹)

(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissjoni — Esperjenza professjonali — Deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla li r-rikorrent ma jiġix ammess fil-kompetizzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni)

(2016/C 191/73)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Laurent Beiner (Knutange, Franza) (rappreżentant: B. Sahki, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni EPSO/AST/130/14 li li r-rikorrent ma jiġix ammess għall-eżami ta' evalwazzjoni, minħabba li ma għandux il-livell ta' studju meħtieġ kif ukoll l-esperjenza professjonali ta' tul minimu ta' sitt snin relatata man-natura tal-kariga.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikkors huwa miċħud bħala, parżjalment, manifestament inammissibbli u, parżjalment, manifestament infondat.
 2) Laurent Beiner għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż esposti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 7, 11.1.2016, p. 37

Rikors ippreżzentat fis-17 ta' Frar 2016 – ZZ vs L-Ombudsman Ewropew

(Kawża F-10/16)

(2016/C 191/74)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: Vasileios A. Christianos, avukat)

Konvenut: L-Ombudsman Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annnullament tad-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li ma tiġix aċċettata l-kandidatura tar-riktorrent għall-pożizzjoni ta' segretarju ġenerali tal-uffiċċju tal-Ombudsman u l-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tad-danni fir-rigward tad-danni materjali u morali allegatament subiti mir-riktorrent.